MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru. 113/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emanuel Mercieca**

Numru 113/13

Illum 26 ta' Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Emanuel Mercieca,** ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Teresa neé Azzopardi, imwieled Pietà, Malta, nhar is-26 ta' Awwissu 1978 residenti Camilleri Flats, Flat 2, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 593178(M), akkuzat talli nhar il-11 ta' Frar 2013, gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta kannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tiegħu, l-istqarrija rilaxxata minnu, u l-fedina penali (Dok. "B") tiegħu, li hija waħda nadifa.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat Emanuel Mercieca ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-Liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita u mmarkata bħala Dok. "F" taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

Finalment, il-Qorti tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li ma ġewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------